



Brussell, 16 ta' April 2020  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0059(COD)

---

7218/1/20  
REV 1

CODEC 256  
PECHE 94  
CADREFIN 69

#### NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	<p>Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħha tal-COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (<b>I-ewwel qari</b>)</p> <ul style="list-style-type: none"><li>- Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att leġislattiv</li><li>- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimġhat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE</li></ul>

1. Fit-2 ta' April 2020 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikoli 43(2) u 175 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u ħareġ dokument ta' pożizzjoni fil-15 ta' April 2020<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ma setax jagħti opinjoni fil-limitu ta' żmien mitlub<sup>3</sup>.
4. Il-Parlament Ewropew ser jadotta l-pożizzjoni tiegħi fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-plenarja tiegħi tas-16 u s-17 ta' April 2020.

<sup>1</sup> 7153/20.

<sup>2</sup> 7369/20.

<sup>3</sup> 7373/20.

5. Minħabba l-urġenza taċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, ir-Regolament ser ikun jista' jiġi adottat biss permezz tal-proċedura bil-miktub.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jiddeċiedi, fkonformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
  - għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fdak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 9/20<sup>4</sup>; kif ukoll
  - għall-adozzjoni, abbażi tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, tad-deroga mill-perijodu ta' tmien ġimġhat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

---

<sup>4</sup> PE-CONS 9/20 ser ikun disponibbli fi żmien debitu.